BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghall-Hamsa-u-Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar 2008, fil-5:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

| | |
|---|---|
| **1** | **Talba** |
| **2** | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 24** |
| **3** | **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti** |
| **4** | **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 18** |
| **5** | **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti** |
| **6** | **Eghluq** |

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed terga' tigi msejjah biex tattendi ghall-Hamsa u Ghoxrin* laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2008, fis-6:30pm.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 24**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 18**
5 **Approvazzjoni tal-listi tal-Flus Kontanti**
6 **Rapport dwar ir-Rizorsi Umani**
7 **Korrispondenza**
8 **Hwejjeg ohra**
9 **Eghluq**

## DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU

- Din il-laqgha qed terga' tigi msejha peress li nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2008 ma kienx hawn kworum.
- Id-dokumenti (l-minuti, Lista tax-xiri u Pagamenti u tal-Flus Kuntanti)kienu tqassmu lill-membri kollha meta ntbghatet l-agenda ghal din il-laqgha fi Frar li ghadda.

BIRKIRKARA

Peress li nhar it-Tnejn 25 Frar 2008, sal-5.15pm ma kienx hemm kworum biex issir il-Hamsa-u-Ghoxrin Laqgha tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami fil-prezenza tal-Kunsilliera s-Sinjuri : George Debattista, Anthony Buttigieg, Mary Spiteri Shaw, Jimmy Calleja u Roberto J. Buontempo, ippospona l-laqgha ghal data li kienet ser tithabbar izjed 'il quddiem.

Minuti ta' l-Hamsa-u-Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2008 mis-6:35p.m. sat-7:40 p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Doris Borg ------------ Assenti u Skuzata |
| | Is-Sinjura Joanne Borg ------------ Assenti u Skuzata |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro ----------- Assenti u Skuzat |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw ---- Assenti u Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, , Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri u Dr. George Debattista. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt waslet fis-6:40pm. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg,. Sergio Carbonaro u Mary Spiteri Shaw kienu assenti, imma skuzati. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 24.**

Il-Minuti tal-Erbgha-u-Ghoxrin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda w ittieħdu bħala moqrija. Wara li saret zieda zghira f'paragrafu 8.15, il-minuti ġew approvati bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier Dr. George Debattista.

Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri u Dr. George Debattista.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

Xejn

**4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 18**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 18 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 18 giet approvata bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier Dr.George Debattista. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, John Mary Calleja, u Dr.George Debattista.

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien is-6:40pm

## 5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti

Il-listi tal-Flus Kontanti tal-perjodu mid-9 ta' Jannar 2008 sat-13 ta' Frar 2008 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata b'disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier Dr. George Debattista. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Dr.George Debattista.

## 6 Rapport dwar ir-Rizorsi Umani

Dan ir-rapport gie mqassam ma' l-agenda u gie anness mal-minuti. Saret diskussjoni fejn is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li s-Segretarju Ezekuttiv jinghata ghaxra fil-mija *performance bonus* (hamsa fil-mija bil-ligi u hamsa fil-mija l-ohra bl-approvazzjoni tal-Kunsill) fuq is-salarju tieghu. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Il-proposta tas-Sindku ghaddiet b'disa voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Dr.George Debattista.

Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera tal-fiducja.

Wara s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li l-impjegati kollha l-ohra tal-Kunsill jinghataw sitta fil-mija bonus (tlieta fil-mija bil-ligi u tlieta fil-mija l-ohra bl-approvazzjoni tal-Kunsill) fuq is-salarju rispettiv taghhom. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-proposta tas-Sindku ghaddiet b'disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Dr.George Debattista.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li wara li hu kkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv u anke ha parir mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali, hu kien qed jirrakkomanda li s-Sinjorina Ruth Stivala, b'effett mill-1 ta' April 2008 tigi promossa ghal skala 11. Hu qal li dan kien qed isir minhabba n-natura tax-xoghol li hi kienet qed taghmel kif ukoll minhabba l-fatt li hi ghandha rekwesiti mehtiega biex hi tinghata din il-promozzjoni. Infatti r-rekwesita li hi tikkwalifika ghaliha hi, li hi ghandha 'l fuq minn tlett snin esperjenza fi grad ta ufficjal ezerkuttiv fuq skala 13 *f'satisfactory performance* tajba hafna. Infatti hi kienet impjegata bhala ufficjal ezekuttiv fuq skala 13 bejn l-1 ta' Settembru 1996 u t-18 ta' April 2003. Ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku kienet sekondata mill-Kunsillier Dr. George Debattista u ghaddiet b'disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, u Dr.George Debattista.

Qabel ma ghalqet id-diskussjoni saret diskussjoni qasira fost il-membri prezenti fejn fost l-ohrajn huma staqsew jekk is-Sinjorima Mandy C. Spiteri kinitx tikkwalifika biex tinghata promozzjoni. Is-Sindku wiegeb li kien ser jiccekkja u

BIRKIRKARA

wara jinforma lill-Kunsill. Is-Sindku ppropona wkoll biex il-Kunsill jiccekkja mad-Dipartiment x'inhi l-procedura u x'inhuma r-rekwesiti biex wiehed jaghmilha ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv fin-nuqqas tas-Segretarju Ezekuttiv ? Fuq dan kien hemm qbil unanimu

## 7 Korrispondenza

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel referenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda .

7.1 Ittra bid-data ta' l-14 ta' Frar 2008 minghand is-Sur Manwel Borg dwar il-Maratona bir-Roti. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu li l-Kunsill m'ghandux jippartecipa.

7.2 Cirkolari 1/2008 mahruga mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone lill-Kunsilliera kollha.

## 8 Hwejjeg Ohra

8.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ta spjega dwar ix-xoghol kollu li qed isir gewwa Triq Santa Liena. Hu ppropona li wara li jitlesta dan ix-xoghol, il-kuntrattur ghandu jibda t-toroq / l-isqaqien ta' Triq Has-Sajjied. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja semma' l-bzonn li triq jew passagg li hemm hdejn l-ekx technical school fl-Imriehel jinghata t-tarmak.

8.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Charlene Camilleri ssuggerit li Triq Ganu ghandha tigi *re-surfaced* minflok tinghata l-*patching*

8.4 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa :- x'kienet ir-raguni li ma kienx sar il-ftuh tal-gonna ta' Fleur-de-Lys, ta' Sqaq l-Ibghal, **ta' Paris, u tal-Qattus** fi Frar li ghadda? Is-Sindku wiegeb li r-raguni primarja kienet minhabba l-elezzjoni generali. Is-Sur Buttigieg accena wkoll ghall-hmieg li qal li hemm fil-passaggi tal-*Housing Estate* f'Ta' Paris kif ukoll li Gnien l-Istazzjon mhux qed jinsab fi stat nadif.

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Roberto J. Buontempo gibed l-attenzjoni illi *frame* tal-lapida li saret dan l-ahhar ghall-ftuh ta' Gnien l-Istazzjon hi ta' periklu ghat-tfal. Hu ssuggerixxa li ghandhom jinzerghu pjanti mad-dawra taghha biex it-tfal ma jkunux jistghu jersqu hdejha.

8.6 Il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt qalet li l-*patching* li kien sar dan l-ahhar fi Triq Mannarino kien qed jinqala'. Hi acceniet ukoll ghaz-zebgha hamra, *non slip,* li saret fit-tela' ta' Triq it-Torri Wejter kienet qed tmur ukoll. Hi staqsiet meta Triq il-Vaguni kienet ser issir *One Way* 'l isfel ? Dwar il-*patching* ta' Triq Mannarino s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dak ma kienx sar mill-Kunsill, imma aktarx kien sar mill-ADT. Dwar triq it-Torri Wejter hu nforma lill-Kunsill li hu kien ha d-decizjoni u ta l-ordni biex din it-triq (minn Triq Psaila 'l isfel ) issir *One Way* 'l isfel. Dan wara li l-Kunsill kien ircieva petizzjoni u diversi talbiet minghand r-residenti. Dwar triq il-Vaguni s-Sindku qal li t-tabelli kienu gew ordnati.

8.7 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri qal li l-*patching* ma kienx qed isir sewwa. Hu semma' l-bzonn li jsir *patching* quddiem 112 fi Triq Fleur-de-Lys minhabba li l-art kienet forma ta' benniena. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li konna ser nirrapurtaw dan l-ilment lill-ADT minhabba li triq Fleur-de-Lys kienet arterja.

8.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla ssuggerixxa biex fi Triq Qormi k/m Triq il-Maggur Aquilina tehel mera tat-traffiku. Hu lmenta lui fl-istess triq qed ikun hemm zewg trakkijiet ipparkjati ghal granet shah.Hu lmenta wkoll ghad-*dealer* tal-karozzi li hemm fi Triq Santa Marija. Hu qal li dan qed ihalli diversi karozzi pparkati fuq il-bankina.

8.9 Il-Kunsillier Dr George Debattista accena ghal diversi affarijiet fosthom :-

a) Xtaq ikun jaf x'kien sar mit-tim ta' haddiema li kienu qed jaghmlu x-xoghol fuq il-bankini?
b) Esiga li jsir *refurbishing* tat-*toilets* kollha.
c) Esiga li jnxtraw 80 *bin* sabiex jitpoggew madwar Birkirkara
d) Esiga li Triq Vittoria Cassar u toroq kollha n-naha tal-Knisja l-Qadima jinghataw it-tarmak
e) Staqsa fiex kien wasal ix-xoghol ta' Triq is-Salib Imqaddes ?
f) Staqsa x'kienet ir-raguni li Triq Guzeppi Xuereb baqghet ma saritx bit-tarmak ?
g) Staqsa x'kienet ir-raguni li dawk li ksew il-hajt ta' Gnien Fleur-de-Lys baqghu ma thallsux, **u staqsa wkoll jekk inghatatx *direct order* mis-Sindku rigward il-kisi tal-hajt ta' gnien Fleur-de-lys**?
h) Staqsa x'kienet ir-raguni li diversi kuntratturi qed idumu ma jithallsu ?

Dwar dawn il-punti saret diskussjoni qasira fejn is-Segretarju Ezekuttiv rega' gibed l-attenzjoni biex il-kunsill jirregola l-infieq tieghu. Hu (SE) sostna li l-Kunsill m'ghandux jidhol ghall-ebda spiza kapitali jew *commitment* iehor sakemm il-finanzi tal-Kunsill ikunu fis-sod. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma jistax ikun li l-Kunsill jaghmel dawn il-progetti kollha u fl-istess hin jirregola l-infieq.

Bhala risposta ghal dak li qal il-Kunsillier Dr George Debattista s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi :

a ) Li l-Gvern kien ser jaghmel 'progett pilota' li fih ser ikun hemm il-Kunsilli ta' Birkirkara, Hal-Lija, u Hal-Balzan fejn il-Gvern kien ser johrog *tender* sabiex jissupplixxi *bins* identici lill-Kunsilli msemmija.

b) Li l-Kunsill kien ser jgib €69881.20 ( Lm30,000) minghand il-Ministeru tal-Finanzi ghar-restawr tal-hajt ta' l-Istazzjon

c) Li x-xoghol fi Triq is-Salib Imqaddes ser jibda dalwaqt . Qal li l-kuntrattur ghadu qed jistenna l-permess mill-ADT.

d) Dwar il-pagamenti hu qal, li dawn qed jigu evalwati u qed jithallsu bil-mod.

e) Dwar il-manutenzjoni tat-*toilets* hu qal li l-Kunsill ghandu japplika mal-Mepa ghall-*Urban Improvement Funds*

Is-Sindku accenna wkoll ghax-xoghol li sar dan l-ahhar fi Triq il-Ftieh mill-ADT. Hu qal li xoghol kien tkompla wara ra pressjoni li kien ghamel hu. Hu qal li kien hemm xi hadd li l-iskop tieghu kien li dan ix-xoghol idum ma jsir biex b'hekk tinholoq *issue* politika.

8.10 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ilmenta li ta' l-iscammel kienu regghu bdew jigbru iz-zibel fis-2:00pm

8.11 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri staqsa meta kien ser jiltaqa' is-Sotto Kumitat dwar l-immanigjar tas-suq fil-berah ? Is-Sindku wiegeb li dan kien mistenni jiltaqa' fil-jiem li gejjin. Dan minhabba l-fatt li l-Kunsill kien qed isibha difficli sabiex isib rapprezentant minn fost il-bejjiegha. Hawnhekk, il-Kunsillier Dr George Debattista ssuggerixxa li l-kwistjoni tas-suq ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss tal-Kunsill. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla ssuggerixxa sabiex l-ispazju miftuh li hemm fi triq Notabile jinbiddel f'*recreational area.*

8.13 Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt ssuggerit sabiex il-Kunsill ihallas parti mill-ispejjez li kellhom l-Kazini tal-baned ghall-*pageant* tal-Gimgha l-Kbira u l-irxoxt. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma' jistax jaghti donazzjonijiet jew ghajnuna ta' dan it-tip.

## 9 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-7.40p.m.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**